**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors Guramentat numru : 93/17 AL

**A B C**

**vs**

**Avukat Dr Joseph Ellis u il-PL Peter Sammut b'digriet tal-25 ta' Awissu 2017 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti T S. S B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi fil-25 ta' Settembru tas-sena 2012, r-rikorrenti izzewġet lill-konvenut T S. S B C, mwieled Benghazi l-Libja, kif ikkonfermat fiċ-ċertifkat taz-zwieġ anness u mmarkat bħala DOK A;

2. Illi l-partijiet għandhom zewġ t-itfal bniet, N B C mwielda fl-1 ta' April tas-sena 2007 u M B C li twieldet fil-5 ta' Marzu tas-sena 2008, kif ikkonfermat fiċ-ċeritifkat tat-twelied annessi u mmarkati bħala DOK B u Ċ rispettivament;

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba abbandun tad-dar matrimonjali da parti tal-konvenut u dan stante li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali lejn it-tmiem tas-sena elfejn u tnax (2012), hekk kif l-konvenut, ftit xhur wara z-zwieġ, siefer lejn il-Libja biz-zewġ ulied minuri tagħhom u qatt ma rritorna;

4. Illi minkejja kull tentattiv da parti tar-rikorrenti biex tistablixxi kuntatt ghalmenu ma uliedha rrizulta fin-neGiv;

5. Illi r-rikorrenti tiddikjara li m'hemm l-ebda mobbli u/jew immobbli li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Illi r-rikorrenti tixtieq tipprocedi ghall-ksib tas-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut u tixtieq ukoll tirriprendi l-kunjom tagħha ta' xebba u ċioe "G";

9. Illi r-rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'din il-kawza bis-saħħa ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Frar 2017;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

(2) Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti ai termini tar-ragunijiet stipulati fl-Artikolu 40 u/jew fl-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Tapplika kontra l-konvenut d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

(5) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi u tiddividiha f'porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjoni lir-rikorrenti u ohra lill-konvenut, u f'kaz ta' disparita tassenja l-ikbar porzjoni lir-rikorrenti u l-izghar porzjoni lill-konvenut li huwa hati tas-separazzjoni u dan anke bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Tiddikjara liema huma dawk il-beni parafernali li jappartjenu lil kull wiehed mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu l-beni parafernali taghha;

(7) Tiddikjara li l-konvenut ddekada minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' ikollu sabiex jitlob u/jew jottjeni l-hlas ta' manteniment minghand ir-rikorrenti u dan ghal ragunijiet validi u accettati fil-Ligi;

(8) Tiddikjara li l-konvenut m'ghandu ebda dritt u/jew pretensjonijiet fuq id-dar matrimonjali, ossia, fuq il-fond 15, Miriam, Flat 4, Triq Għajn Dwieli, Paola;

(9) Tordna li r-rikorrenti ghandha d-dritt li tirrisjedi fid-dar matrimonjali ossia, fil-fond 15, Miriam, Flat 4, Triq Għajn Dwieli, Paola, ad esklussjoni tal-konvenut;

(10) Tawtorizza lir-rikorrenti u taghti dawk l-ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni sabiex s-sentenza ta' separazzjoni tal-kontendenti tigi mnizzla fir-Registru Pubbliku;

(11) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'G';

(12) Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-attriċi fil-konfront tal-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-Kuraturi Deputati l-Avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut, minkejja li ġew debitament notifikati[1], ippreżentaw ir-risposta tagħhom tardivament[2], u għaldaqstant il-Qorti ddikjarathom kontumaċi fl-ewwel udjenza, ossia dik tat-23 ta' Novembru 2017[3].

Rat l-affidavit tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti[4].

Rat illl l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tirreferi għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet:

- il-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut;
- il-waqfien u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;
- illi tingħata lura l-oġġetti parafernali tagħha;

[1] Fil-5 t'Ottubru 2017 u fid-9 t'Ottubru rispettivament, rifeta fol. 46
[2] Fit-22 ta' Novembru 2017, fol 47
[3] Fol. 49
[4] Fol. 51 et seq.

- l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut, inkluż id-dekadenza tiegħu mid-dritt illi jirċievi l-manteniment mingħand martu;
- id-dritt li tirrisjedi fid-dar matrimonjali bl-esklużjoni tal-konvenut;
- l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "G";

Il-fatti f'din il-kawża qed jiġu kkompilati mid-depożizzjoni tal-attriċi, ikkorraborata mix-xiehda tal-ġenituri tagħha **Giorgina G**[5] u **Carmelo G**[6]. Fl-affidavit, tagħha[7] l-attriċi xehdet:

(a) Ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet fis-sena 2005, meta l-konvenut kien jirrisjedi hawn Malta;

(b) Illi fl-1 t'April 2007, minn relazzjoni bejn il-partijiet, twieldet il-minuri N[8]; Sussegwentement, fil-5 ta' Marzu 2008, twieldet il-minuri M[9];

(c) Il-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fil-25 ta' Frar 2012[10];

(d) Madwar tliet xhur miż-żwieġ, l-attriċi waqgħet f'dipressjoni u baqgħet sejra lura tant li għamlet xi żmien taħt osservazzjoni fl-Isptar Monte Carmeli;

(e) Jum minnhom meta kienet rilaxxata għall-weekend mill-Isptar Monte Carmeli, il-konvenut kien qalilha illi kellhom bżonn btala u fil-fatt l-għada sabet ruħha l-ajruport. Saret taf li kienu sejrin Tripli fuq l-istess ajruplan u fil-fatt kien taha attakk ta' paniku u kellhom jagħtuha xi kalmanti biex tikkalma. Minn Tripli qabdu ajruplan ieħor lejn Benghazi fejn kienet tirrisjedi omm il-konvenut.

---

[5] Affidavit fol. 52
[6] Affidavit fol. 53
[7] Fol. 54 tal-proċess
[8] Ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 7
[9] Ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 8
[10] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv, fol. 6

(f) Meta kienu l-Libja, saħħet l-attriċi marret lura ferm għaliex il-konvenut ma kienx ħadilha l-mediċina li kellha bżonn. Għalhekk wara ġimgħa, l-intimat kellu jġibha lura Malta. Mistoqsi dwar it-tfal, qalilha li kien ser iħallihom ftit taż-żmien m'ommu ġewwa l-Libja biex l-ewwel jara kif tmur f'saħħitha u mbagħad imur għalihom.

(g) Malli waslet lura Malta f'dik is-sitwazzjoni, il-ġenituri tagħha ħaduha l-Isptar Monte Carmeli;

*(h)* Mingħand żewġha semgħet biss xi jumejn wara, fejn qalilha li hu kien mar lura l-Libja. Hija nsistiet miegħu li għandu jġib lit-tfal lura Malta u wiegħedha li kien ser jagħmel dan*. "Madankollu, la hu u lanqas uliedna ma rritornaw lura lejn Malta."*

(i) Hija baqgħet iċċempillu għand ommu fil-Libja, sakemm xi tliet snin wara, ommu nfurmatha illi kellhom xi jgħidu u li kien telaq mid-dar tagħha. Ommu ma kinitx taf x'ġara minnu u minn uliedhom;

(j) L-attriċi talbet l-għajnuna ta' deptutati parlamentari u avukati sabiex tikseb informazzjoni fuq uliedha iżda ma rnexxilhiex tagħmel kuntatt magħhom stante s-sitwazzjoni fil-Libja u n-nuqqas ta' rappreżentanti Maltin fl-ambaxxati.

(k) Għalkemm dan kien għaliha perjodu diffiċli ħafna minħabba l-firda minn m'uliedha, illum irnexxielha tirkupra saħħitha u bdiet tgħix ħajjitha mill-ġdid.

PRINĊIPJI LEGALI

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attriċi tiffonda l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni minn ma' żewġha fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[11] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[12] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

Il-firda personali motivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[13];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL- KAŻ ODJERN</u>

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut sia mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun dam iktar minn sentejn. Jirriżulta illi huwa telaq mid-dar matrimonjali lejn is-sena 2013 u baqa' sal-lum qatt ma rritorna mil-Libja. Mhux biss telaq hu, iżda talli ħa miegħu ukoll lill-ulied il-partijiet, bil-konsegwenza li llum mhux magħruf fejn jinsabu dawn il-minuri. L-intimat

[13] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

ilu nieqes għal iktar minn ħames snin, mingħajr ebda kuntatt imqar telefoniku mal-attriċi u konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tiegħu li ma jerġax imur jgħammar mar-rikorrenti.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tal-attriċi, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ u minn Malta. Din ix-xiehda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-abbandun hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta.

Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Rigward it-talbiet l-oħra relattivi għall-aspett patrimonjali taż-żwieġ bejn il-partijiet u tal-oġġetti parafernali tal-attriċi, ma tressqu ebda prova in sostenn ta' dawn it-talbiet. Illi għaldaqstant, filwaqt illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet sal-preżenti, ser tastjeni milli tippronunċja ruħha ulterjorment rigward l-aspett patrimonjali.

Lanqas ma tressqu provi dwar it-titolu li bih il-partijiet kienu jokkupaw id-dar matrimonjali cioe il-fond, 15, Miriam, Flat 4, Triq Għajn Dwieli, Paola. Għalhekk, filwaqt illi l-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attriċi li tgħix fl-imsemmija dar ad esklużjoni tal-konvenut, hija ġustifikata ladarbda huwa abbandunaha, ma tistax tiddeċiedi dwar kwalsiasi drittijiet u pretensjonijiet oħra li jista' jkollu l-intimat assenti fuq l-istess dar.

Ir-rikorrenti, fil-ħdax-il talba, tagħha titlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha G. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara illi l-intimat assenti huwa unikament responsabbli għall-firda stante li huwa ħati ta' abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta;

[3] Tilqa' t-tielet talba tal-attriċi u tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba stante nuqqas ta' provi;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante nuqqas ta' provi;

[7] Tilqa' s-seba' talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi;

[8] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba stante nuqqas ta' provi;

[9] Tilqa’ d-disa’ talba attriċi u tiddikjara li r-rikorrenti għandha d-dritt li tirrisjedi fid-dar matrimonjali ossia fil-fond, 15, Miriam, Flat 4, Triq Għajn Dwieli, Paola, ad esklużjoni tal-konvenut;

[10] Tilqa’ l-għaxar talba attriċi u tawtorizza r-reġistrazzjoni ta’ din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

[11] Tilqa’ l-ħdax-il talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossia “G.”

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat, b’dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.